A.L. 128 ta' l-1997

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT
(ATT NRU.V TA' L-1991)
ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

ATT TA' L-1991 DWAR IL-KORPORAZZJONI
GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA
(ATT NRU. XXIII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għad-Depożitu ta' Kull skart u Radam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6(b)(2), 30, 47 u 48 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, u bl-artikolu 45 ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, u l-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għad-depożitu ta' Kull Skart u Radam.

Tifsiriet.

2. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'ohra–

"*Chief Executive* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma" tfisser dak l-uffiċjal delegat bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, biex ikun responsabbli għall-kontroll u maniġġjar tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u jinkludi kull uffiċjal fil-Korporazzjoni li jaġixxi f'ismu u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent" tfisser Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"Dipartiment għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart" tfisser id-Dipartiment li jimplementa strateġija dwar l-

immaniġjar ta' l-iskart taħt it-tmexxija tad-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġjar ta' l-Iskart hekk kif imfisser f'dawn ir-regolamenti;

"Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent" tfisser id-Direttur li jħares l-Ambjent li jkun dak l-uffiċjal delegat skond ma hemm fil-paragrafu (b) tal-artikolu 3 tal-Att ta' 1991 biex iħares l-Ambjent, biex ikun responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent, u li jiġi delegat għall-kontroll, direzzjoni u maniġġjar tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u jinkludi kwalunkwe uffiċjal fid-Dipartiment tiegħu li qed jaġixxi f'ismu u għall-iskop ta' kull regolamenti magħmula taħt dak l-Att. Il-frażi "Direttur responsabbli għall-Ambjent" jew xi frażi simili u l-frażi "Uffiċjal responsabbli għall-Protezzjoni ta' L-Ambjent" fl-Att imsemmi għandhom jiftehmu bħala li għandhom l-istess tifsira bħal dik ta' Direttur f'dawn ir-regolamenti;

"Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġjar ta' l-Iskart" tfisser dak l-uffiċjal li jiġi delegat għall-kontroll, direzzjoni u tmexxija tad-Dipartiment għall-Immaniġġjar ta' l-Iskart u Implementazzjoni ta' l-Istrateġija, u tinkludi lil kull uffiċjal fid-Dipartiment tiegħu li jagħmilha minfloku;

"min jiddepożita" tfisser kull min jiddepożita radam, skart u skart perikoluż billi juża vettura biex jġorru f'sit għar-rimi;

"radam" ifisser radam li joriġina f'Malta u li mhux ħamrija u jinkludi materjal bħal trab, biċċiet tal-ġebel tal-franka jew ġebel ieħor, konkrit, madum, żrar, ramel, xaħx u turbazz li jirriżulta minn tħaffir, preparazzjoni ta' l-art, twaqqiegħ ta' bini, xogħlijiet ta' toroq u xogħlijiet simili;

"sit għar-rimi" tfisser kull post fl-art jew fil-baħar li jkun liċenzjat għad-depożitu ta' radam, skart jew skart perikoluż mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u li jinsab elenkat fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regolament;

"skart" huwa dak l-skart kollu li joriġina f'Malta, li mhux radam u mhux skart perikoluż, u li jinġarr b'vettura;

"skart domestiku" tfisser skart li mhux skart perikoluż u li jinġabar esklussivament minn postijiet abitati minn nies;

"skart perikoluż" tfisser dak l-iskart li huwa inkluż fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u kull tip ta' skart ieħor li d-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jidhirlu li hu skart perikoluż;.

"vettura" tfisser kull vettura li tkun reġistrata għand id-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart u li tkun jew timxi bil-qawwa tagħha stess jew xort'oħra u li tintuża biex iġġor radam, skart jew skart perikoluż, ta' kull xorta, u tinkludi *truck, tipper,* vettura tal-ġbir ta' l-iskart, *trailer, lorry, skip loader, hopper barge,* jew xi biċċa jew opra tal-baħar oħra li minnhom jinxtehet radam fil-baħar, iżda teskludi kull vettura liċenzjata għal skopijiet domestiċi li ġġorr inqas minn tunnellata metrika ta' radam jew skart ieħor.

3. Ħadd ma jista' jiddepożita radam, skart jew skart perikoluż f'xi sit li mhux sit għar-rimi. Depożitu ta' skart.

4. Kull min ikollu sit għar-rimi ta' skart, skart perikoluż jew radam irid ikollu liċenzja għal dan il-għan maħruġa mid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent. Liċenzja għal min ikollu sit għar-rimi.

5. Id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, id-Direttur għall-Implementazzjoni ta' Immaniġjar ta' l-Iskart, u ċ-*Chief Executive* tal-Korporazzjoni għas-Servizz ta' l-Ilma, jistgħu f'kull waqt jispezzjonaw kull sit għar-rimi u jeżaminaw, jieħdu kampjuni, jew kull prova oħra biex jaċċertaw li d-depożitu ta' radam, skart jew skart perikoluż ma jkun qed jagħmel ebda ħsara lill-ambjent jew lir-riżorsi ta' l-ilma: Spezzjoni ta' sit għar-rimi.

Iżda kull min ikollu bħala tiegħu jew ikun responsabbli għal sit għar-rimi, irid jipprovdi aċċess, għajnuna u dik l-informazzjoni mitluba mid-Diretturi u c-*Chief Executive* imsemmija f'dawn ir-regolamenti.

6. Kull min jiddepożita radam, skart jew skart perikoluż irid jirreġistra kull vettura mad-Dipartiment għall-Implementazzjoni ta' Immaniġjar ta' l-Iskart u jġedded ir-reġistrazzjoni ta' kull sena mid-data meta tkun saret l-ewwel reġistrazzjoni sakemm din ma tkunx thassret qabel mill-istess Direttur. Reġistrazzjoni ta' vettura.

7. Id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart jistgħu, waħedhom jew flimkien, wara li ssir talba għal reġistrazzjoni, u f'kull żmien li jiġi wara, jispezzjonaw il-vettura sabiex jaċċertaw li din tkun u tibqa' tajba għall-għan li ġġorr ir-radam, skart u skart perikoluż li dwaru tkun reġistrata. Spezzjonijiet.

8. Kull min jiddepożita radam f'sit għar-rimi pubbliku jrid iħallas dritt ta' ħamsa u tletin ċenteżmu (35ċ) għal kull tunnellata metrika ta' radam lid-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġjar ta' l-Iskart. Dritt għad-depożitu ta' radam.

Dritt għad-depożitu ta' skart.

9. Kull min jiddepożita skart li mhux skart perikoluż f'sit għar-rimi pubbliku irid iħallas dritt ta' ħamsa u tletin ċenteżmu (35ċ) għal kull tunnellata metrika ta' skart lid-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġjar ta' l-Iskart:

Iżda fin-nuqqas li jiġi stabbilit x'inhu l-piż attwali tar-radam jew ta' l-iskart id-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart jista' jitlob il-ħlas ta' dritt ta' sebgħin ċenteżmu (70ċ) għal kull metru kubu li jiġi kkalkolat fuq il-qisien ta' barra tal-kontenitur li fih ikun hemm ir-radam jew skart li mhux skart perikoluż;

Iżda wkoll kull min jiddepożita radam, skart u skart perikoluż f'siti għar-rimi fil-baħar kif inklużi fl-iskeda B annessa ma' dawn ir-regolamenti, irid ikollu l-permess bil-miktub tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent għal dan il-għan u jkun mitlub li jħallas kull dritt addizzjonali li ma jkunx anqas minn Lm1 għal kull tunellata metrika jew hekk kif mitlub mid-Direttur.

Iżda wkoll id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jista' jiċ ħad li jħalli milli jiġi depożitat xi radam, skart jew skart perikoluż f'sit għar-rimi jekk dan fil-fehma tiegħu jista' jirriżulta fi ħsara konsiderevoli fl-ambjent jew, ikun bi ksur ta' xi obbligi internazzjonali jew għal xi raġuni oħra.

Drittijiet għal skart perikoluż.

10. Kull min jiddepożita skart perikoluż f'sit għar-rimi jrid ikollu permess bil-miktub tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u jkun mitlub li jħallas drittijiet addizzjonali li ma jkunux anqas minn Lm1 għal kull tunnellata metrika skond it-tip, piż u/jew volum ta' l-iskart perikoluż li għandu jintrema', jew hekk kif jista' jiġi stabbilit mid-Direttur ta' l-Ambjent.

Eżenzjoni minn ħlas ta' dritt.

11. Kull min jiddepożita skart li jinġarr b'vettura jista' jiġi eżentat milli jħallas id-dritt imsemmi fir-regolamenti 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti u wara li jkun ġab l-approvazzjoni bil-miktub mid-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart.

Reġistrazzjoni ta' vetturi

12. Ebda persuna ma tista' wara l-31 ta' Ottubru 1997, tuża vettura biex iġġorr radam, skart jew skart perikoluż għad-depożitu jekk din ma tkunx reġistrata mad-Direttur għall-Immaniġġjar ta' l-Iskart.

Dritt għar-reġistrazzjoni.

13. Kull sid ta' vettura biex iġorr radam, skart jew skart perikoluż għad-depożitu għandu jħallas lid-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart id-dritt ta' għaxar liri maltin (Lm10) biex

jirreġistra l-vettura għal dan il-għan u f'kull sena sussegwenti biex iġedded ir-reġistrazzjoni tal-vettura, kemm-il darba din ma tkunx thassret mill-istess Direttur qabel.

Garanzija bankarja.

14. Kull applikant għar-reġistrazzjoni ta' vettura jew vetturi għandu jipproduċi garanzija bankarja favur id-Dipartiment għall-Implimentazzjoni ta' Immaniġġjar ta' l-Iskart ta' ħames mitt lira Maltin (Lm 500) għal kull vettura li tkun liċenzjata f'ismu qabel tiġi aċċettata r-registrazzjoni tiegħu;

Iżda meta r-reġistrazzjoni ta' xi vettura tiġi imħassra mid-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart wara li s-sid jinsab ħati ta' xi reat taħt dawn ir-regolamenti jew minħabba l-ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni, il-garanzija bankarja ta' dik il-vettura jew vetturi taqa' favur id-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart;

Iżda kull min jinstab ħati ta' reat taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' xi ksur ta' kundizzjoni taħt dawn ir-regolamenti, għandu jżid b'għaxra fil-mija (10%) l-valur tal-garanzija bankarja msemmija fir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti qabel ma r-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura/vetturi terġa' tiġi kkunsidrata biex tiġi aċċettata mid-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart.

Iżda wkoll qabel ma d-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart ma jeħles xi garanzija bankarja, huwa għandu jkollu s-setgħa bil-miktub li jagħmel dan li tiġi lilu mogħtija mid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u miċ-*Chief Executive* tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma.

Iżda wkoll meta l-vettura jew vetturi jiġu trasferiti fuq persuna oħra jrid isir it-trasferiment tal-garanzija bankarja fuq min jakkwista l-vettura jew vetturi.

Min japplika għal sit għar-rimi jrid ikun kopert b'polza assikuranti.

15. L-applikant għal sit għar-rimi għandu jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni għal danni ambjentali minħabba d-depożitu ta' radam, skart jew skart perikoluż minħabba mezzi oħra. L-ammont kopert b'din il-polza għandu jkun dak deċiż miċ-*Chief Executive* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma skond il-vulnerabilità ta' l-*aquifer* f'dak il-post li jkun hemm is-sit għar-rimi. Iżda dik is-somma m'għandha qatt tkun somma ta' inqas minn mitejn u ħamsin elf lira Maltin (Lm250,000).

Iżda kemm il-darba l-ammont tal-ħsara li ssir fuq l-*aquifer* jeċċedi s-somma koperta tal-polza ta' assikurazzjoni, l-applikant jibqa' responsabbli għal-ħlas ta' l-eċċess. Id-danni jitkejlu wkoll fuq it-telfien tal-produzzjoni ta' l-ilma kif ukoll fuq kull xogħol rimedjali li jsir biex tissewwa l-ħsara.

Identifikazzjoni ta' vetturi.

16. Id-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart għandu johroġ lis-sidien ta' kull vettura reġistrata, skond dawn ir-regolamenti, mezz ta' idenfikazzjoni għal kull vettura. Kull mezz għandu jintwera fuq dik il-vettura, u dan b'sodisfazzjon ta' l-istess Direttur, biex jippermetti d-dħul esklussiv tal-vettura ġewwa s-sit għarrimi.

Ġbir ta' drittijiet.

17. Id-Diretur għall-Immaniġġjar ta' l-Iskart u/jew id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u/jew iċ-*Chief Executive* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, skond kif ikun il-każ, jista' jagħmel arranġamenti speċjali għall-ġbir tad-drittijiet lilu dovuti, inkluż il-ġbir perjodiku ta' dawn id-drittijiet, u l-lok fejn dawk id-drittijiet ikollhom jitħallsu.

Hlas ta' drittijiet.

18. Id-Direttur għall-Implementazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart u/jew id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, skond il-każ, jista' jirrifjuta li jippermetti d-depożitu ta' radam, skart u skart perikoluż sakemm jitħallsu d-drittijiet dovuti, wara li jiġi kkunsidrat żmien raġonevoli minn meta ssir l-ewwel talba li ma tkunx ta' iktar minn sittin ġurnata (60) minn meta ssir l-ewwel talba.

Kif japplika l-Kap.12.

19. Id-drittijiet preskritti b'dawn ir-regolamenti jistgħu jinġabru bil-mod li jiddisponi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-ġbir ta' somom li għandhom jitħallsu lid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u/jew Dipartiment għall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar ta' l-Iskart skond il-każ.

Kontaminazzjoni, eċċ, ta' radam.

20. Kull min jikkontamina, jew b'xi mod iħallat radam ma' skart u/jew skart perikoluż ikun ħati ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.

Kif japplikaw dawn ir-regolamenti.

21. Dawn ir-regolamenti għandhom bl-istess mod japplikaw għal kull Dipartiment tal-Gvern, korpi parastatali, korporazzjonijiet pubbliċi u entijiet oħra bħal dawk.

Ksur ta' dawn ir-regolamenti.

22. Persuna tkun ħatja ta' reat kull meta:

(a) tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni oħra leġittimament moghtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew bis-saħħa ta'dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tiftiehem jew tipprova tiftiehem, jew tgħin, thajjar, tagħti parir jew tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ma' xi wieħed minn dawn id-dispożizzjonijiet (inklużi xi ordni leġittimament mogħtija bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom.

Pieni.

23. Persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti, tieħel, meta tinstab ħatja:

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira Maltija iżda mhux aktar min elf lira Maltija;

(b) fil-każ tat-tieni jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elf lira Maltija iżda mhux aktar minn elfejn lira Maltija, jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti permezz ta' vettura, is-sid ta' dik il-vettura għandu, fejn japplika, jitqies daqstant responsabbli wkoll;

Iżda l-qorti għandha flimkien mal-piena mogħtija, tordna lil l-persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż li jkunu għamlu d-Dipartimenti msemmija f'dawn ir-regolamenti minħabba f'dak ir-reat, ir-revoka tal-permess tal-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Kif japplika l-Kap. 9.

24. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fil-proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenzja, jew permess, jew awtorità, ma għandhom fl-ebda' każ ikunu ta' inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti dwar reati li jiksru dawn ir-regolamenti, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem jedd li jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti rigward reati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

SKEDA A

Elenku ta' Skart Perikoluż

TAQSIMA I

Sustanzi tossiċi u potenzjalment tossiċi li joriġinaw minn proċessi industrijali u mhux-industrijali, servizzi, eċċ, jew li jkun fihom materja kimika.

Deskrizzjoni tat-tip ta' skart

Skart kliniku li jiġi mill-kura medika fl-isptarijiet, ċentri mediċi u kull klinika
Skart mill-produzzjoni u thejjija ta' prodotti farmaċewtiċi
Farmaċewtiċi, pilloli u mediċini mormija
Skart mill-produzzjoni, formulazzjoni u użu ta' biocidi u fitofarmaċewtiċi
Skart mill-manifattura, formulazzjoni u użu ta' materja kimika li tippreserva l-injam
Skart mill-produzzjoni, formulazzjoni u użu ta' solventi organiċi
Skart minn trattament bis-sħana u operazzjonijiet ta' tberrid li jinvolvu *cyanides*
Żjut minerali mormija li ma jibqgħux utli għalbiex jintużaw skond l-għan tagħhom
Żjut/ilma, idrokarburi/taħlitiet ta' l-ilma, emulsjonijiet mormija
Sustanzi u oġġetti mormija li jkun fihom jew ikunu kontaminati bi *polychlorinated biphenyles* (PCBs) u/jew *polychlorinated terphenyls* (PCTs) u/jew *polybrominated bihenyls* (PBBs)
Residwi tal-qatran mormija li joħorġu mir-raffinar, distillar u kull trattament piroltiku
Skart mill-produzzjoni, formulazzjoni u użu ta' kull linka, żebgħa, kulur, lewn, vernič, lostru
Skart mill-produzzjoni, formulazzjoni u użu ta' *resins, latex, plasticizen,* kolla/materjal li jwaħħal
Materja kimika mormija li tiġi mir-riċerka u żvilupp jew minn attivitajiet ta' tagħlim li mhumiex identifikati u/jew li jkunu ġodda u li l-effetti tagħhom fuq il-bniedem u/jew l-ambjent ma jkunux magħrufa
Skart ta' xorta splussiva li ma tkunx taqa' taħt xi liġi oħra
Skart mill-produzzjoni, formulazzjoni u użu ta' materja kimika fotografika u materjal tal-ipproċessar
Skart li jirriżulta mit-trattament ta' metalli u *plastics*
Residwi li joħorġu minn operazzjonijiet ta' rimi ta' skart industrijali

Skart li jkollu bħala kostitwenti:

Metal carbonyls
Beryllium, beryllium compounds
Hexavalent chromium compounds
Copper compounds
Zinc compounds
Arsenic; arsenic compounds
Selenium; selenium compounds

Cadmium; cadmium compounds
Antimony; antimony compounds
Tellurium; tellurium compounds
Mercury; mercury compounds
Thallium; thallium compounds
Lead; lead compounds
Fluorine compounds inorganiċi eskluż calcium fluoride
Cyanides inorganiċi
Soluzzjonijiet aċidiċi jew aċidi f'għamla solida
Soluzzjonijiet basiċi jew bases f'għamla solida
Asbestos (trab u fibri)
Organic phosphorous compounds
Organic cyanides
Phenols; phenol compounds inklużi chlorophenols
Ethers
Haloginated organic solvents
Organic solvents esklużi haloginated solvents
Kull congenor ta' polychlorinated dibenzo-furan
Kull congenor ta' polychlorinated dibenzo-p-dioxin
Organohalogen compounds li ma jkunux sustanzi msemmija f'din il-Parti

Oħrajn

Kull prodott li jkun fih l-asbestos
Skart radjoattiv u/jew kull skart li jkun fih radjonukleotidi

TAQSIMA II

Materja Kimika Tossika jew Potenzjament Tossika

1, 2-Dibromoethane	*106-93-4*
1, 2-Dichloroethane	*107-6-2*
2, 4, 5-T	93-76-5
Acrylonitrile	107-13-1
Aldicarb	116-6-3
Aldrin	309-0-2
All Arsenic compounds	
All Cadmium Compounds	
2-Aminobutane	13952-84-6
Aminocarb	2031-59-9
Aminotriazole	61-82-5
Amitrole	*61-82-5*
Anilazene	*101-5-3*
Antu	86-88-4
Aramite	
Atrazine	1912-24-9
Azinphos-ethyl	2642-71-9
Azinphos-methyl	86-50-0
Azocyclotin	41083-11-8
Benzene hexachloride (HCH)	608-73-1
Binapacryl	485-31-4
Blasticidin-S	2079-007; 12767-55-4
Bromethalin	63333-35-7
Calcium cyanide	529-1-8
Camphechlor	8001-35-2
Captafol	2425-6-1
Carbofuran	1563-66-2
Carbon Disulphide	75-15-0
Carbon tetrachloride	56-23-5
Carbophenothion	786-19-6
Chlordane	57-74-9
Chlordecon	143-50-0
Chlordimeform	6164-98-3; hydrocloride: 19750-95-9
Chlorfenson	80-33-1
Chlorfenvinphos	isomer ´470-90-6(Z) isomer ´18708-7(E) ´18708-86-6
Chlormephos	24934-91-6
Chlorophacinone	*3691-35-8*
Chlorthiophos	21923-23-9
Coumaphos	
Crimidine	535-89-7

CVP	*isomer { 470-90-6(Z) isomer { 18708-7(E) 18708-86-6*
Cycloheximide	66-81-9
Cyhexatin	13121-70-5
D-D	*8003-19-8*
Dalapron	*75-99-0, 127-20-8 Na Salt*
DDT	50-29-3
Delnav	78-34-2
Demephion-O & S	682-80-4, 2587-90-8
Demeton-O & S	298-3-3, 126-75-0
Demeton-S-methyl	919-86-8
Demeton-S-methyl sulphone	17040-19-6
Dibromochloropropane (DBCP)	96-12-8
Dichlorobenzene	*106-46-7*
Dicofol	115-32-2
Dicrotophos	141-66-2
Dieldrin	60-57-1
Difenacoum	56073-07-5
Dienochlor	*2227-17-0*
Difolatan	2425-6-1
Dimefox	115-26-4
Dinoseb	88-85-7
Dinoseb acetate	2813-95-8
Dinoterb	1420-7-1
Dioxathion	78-34-2
Disulfoton	298-4-4
DMTP	950-37-8
DNBP	88-85-7
DNOC	534-52-1
DNPBA	2813-95-8
Drazoxolon	5707-69-7
Endosulfan	115-29-7, x-endo..959-98-0, b-endo..33213-65-9
Endothal	145-73-3
Endrin	72-20-8
EPN	2104-64-5
Ethion	*563-12-2*
Ethoprop (U.S.)	13194-48-4
Ethoprophos (Europe)	13194-48-4
Ethylene Dibromide	106-93-4

Ethylene Oxide	75-21-8
Ethylthiodemeton	298-4-4
Flocoumafen	90035-08-8
Fenamiphos	*22224-92-6*
Fensulfothion	*115-90-2*
Fluoracetamide	640-19-7
Fluoroacetic acid	Compounds & Derivatives
Fonfos	944-22-9, 66767-39-3
Formatanate	22259-30-9
Fosthietan	
Furathiocarb	65907-30-4
HCN	58-89-9
Heptachlor	76-44-8
HETP	107-49-3
Hexachlorobenzene or hexachlorocyclobenzol	118-74-1
Hionazin	
Hydrocyanic acid	74-90-8
Ioxynil	1689-83-4
IPSP	5827-5-4
Isodrin	72-20-8
Isofenphos	25311-71-1
Lambda Cyhalothrin	
Lead & its compounds	
Leptophos	21609-90-5
Lindane or gamma HCH or gamma BHC	58-89-9
M74	298-4-4
Malic hydrozide	90-533
Mazidox	
MBCP	21609-90-5
Mecarbam	2595-54-2
Medinoterb acetate	2487-01-6
Mephosfolan	950-10-7
Mercury & its compounds	
Merkaptophos (Demeton)	8065-48-3, 298-03-3 demeton-O, 126-75-0 demeton-S
Methaphos	298-0-0

Methidathion	950-37-8
Methoxychlor	72-43-5
Methyl-merkapto-phosteolovy	916-86-8
Metilmerkapto-phosoksid	301-12-2
Metriltriazothion	see azinphos-methyl
Mevinphos	7786-34-7
Mipafox	371-86-8
Monocrotophos	6923-22-4
Morfamquat	*4636-83-3*
Nitrofen	1836-75-5
Norbormide	991-42-4
Organo chlorine compounds (all) except Dicofol, DDVP, Tetradifon.	
Oxamyl	*23135-22-0*
Paraquat	4685-14-7
Parathion	56-38-2
Parathion-methyl	298-0-0
Paris Green	1299-88-3
Pentachlorophenol	87-86-5
Phenylmercury acetate	62-38-4
Phenylmercury nitrate	60428-25-3
Phorate	298-2-2
Phosfolan	947-2-4
Phosphamidon	13171-21-6
Prothoate	2275-18-5
Quintozene	82-68-8
Rotenone	*83-79-4*
Schradan	151-26-9
Scilliroside (Red Squill)	507-60-8
Selenium compounds	
Sodium cyanide	
Sodium flouride	7681-49-4
Sodium fluoracetate	
Stroban	
Strychnine	
Sulphotep	3689-24-5
TDE	
Tecnazene	*117-18-0*
Telodrin	
TEPP	107-49-3
Terbufos	13071-79-9
Tetrachloromethane	56-23-5
Tetrachlorvinphos	22248-79-9
Thallium sulphate	7446-18-6

Thiofanox	39196-18-4
Thiofos	56-38-2
Thionazin	*297-97-2*
Thioxamyl	
Timet	298-2-0
Triamiphos	1031-47-6
Triazotion	2642-71-9
Trichloronate	327-98-0
Trichlorphon	*52-68-6*
Vinyl Chloride	
Yellow Phosphorous	

TAQSIMA III

A. Toxic chemicals:

(1) O-Alkyl (C10, incl. cycloalkyl) alkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) -phosphonofluoridates

e.g. Sarin: O-Isopropyl methylphosphonoflurodate	(107-44-8)
Soman: O-Pinacolyl methylphosphonoflurodate	(96-64-0)

(2) O-Alkyl (C10, incl. cycloalkyl) N,N-dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) phosphoramidocyanidates

e.g. Tabun: O-Ethyl N, N-dimethyl phosphoramidocyanidate	(77-81-6)

(3) O-Alkyl (H or _ C10, incl. cycloalkyl) S-2-dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) -aminoethyl alkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) phosphonothiolates and corresponding alkylated or protonated salts

e.g. VX: O-Ethyl S-2-diisopropylaminoethyl methyl phosphonothiolate	(50782-69-9)

(4) Sulfur mustards:

2-Chloroethylchloromethylsulfide	(2625-76-5)
Mustard gas: Bis(2-chloroethyl)sulfide	(505-60-2)
Bis(2-chloreoethylthio) methane	(6389-13-6)
Sesquimustard: 1,2-Bis(2-chloroethylthio) ethane	(3563-36-8)
1,3-Bis(2-chloreothylthio)-n-propane	(63905-10-2)
1,4-Bis(2-chloroethylthio)-n-butane	(142868-93-7)
1,5-Bis(2-chloreothylthio)-n-pentane	(142868-94-8)
Bis(2-chloroethylthiomethyl)ether	(63918-90-1)
O-Mustard: Bis(2-chloroethylthioethyl)ether	(63918-89-8)

(5) Lewisites:

Lewisite 1: 2-Chlorovinyldichloroarsine	(541-25-3)
Lewisite 2: Bis(2-chlorovinyl)chloroarsine	(40334-69-8)
Lewisite 3: Tris(2-chlorovinyl) arsine	(40334-70-1)

(6) Nitrogen mustards:

HN1: Bis(2-chloroethyl)ethylamine	(538-07-8)
HN2: Bis(2-chloroethyl)methylamine	(51-75-2)
HN3: Tris(2-chloreothyl)amine	(555-77-1)

(7) Saxitoxin (35523-89-8)

(8) Ricin (9009-86-3)

B. Precursors:

(9) Alky (Me, Et, n-Pr or i-Pr) phosphonyldifluorides

e.g. DF: Methylphosphonyldifluoride (676-99-3)

(10) O-Alkyl (H or _ C10, incl. cycloalkyl))-2-dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr)-aminoethyl alkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) phosphonites and corresponding alkylated or protonated salts

e.g. QL: O-Ethyl O-2-diisopropylamineothyl methylphosphonite (57856-11-8)

(11) Chlorosarin: O-Isopropyl methylphosphonochloridate (1445-76-7)

(12) Chlorosoman: O-Pinacolyl methylphosphonochloridate (7040-57-5)

A. Toxic chemicals:

(1) Amiton: O,O-Diethyl S-[2-(diethylamino) ethyl] phosphorothiolate (78-53-5)
and corresponding alkylated or protonated salts

(2) PFIB: 1,1,3,3,3-Pentafluoro-2-(trifluoromethyl)-1-propene (382-21-8)

(3) BZ: 3-Quinuclidinyl benzilate (*) (6581-06-2)

B. Precursors:

(4) Chemicals, except for those listed in Schedule 1, containing a phosphorus atom to which is bonded one methyl, ethyl or propyl (normal or iso) group but not further carbon atoms,

e.g. Methylphosphonyl dichloride (676-97-1)
Dimethyl methylphosphonate (756-79-6)

Exemption: Fonofos: O-Ethyl S-phenyl ethylphosphonothiolothionate (944-22-9)

(5) N,N-Dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) phosphoramidic dihalides

(6) Dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) N,N-dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr)-phosphoramidates

(7) Arsenic trichloride (7784-34-1)

(8) 2,2-Diphenyl-2-hydroxyacetic acid (76-93-7)

(9) Quinuclidine-3-ol (1619-34-7)

(10) N,N-Dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) aminoethyl-2-chlorides and corresponding protonated salts

(11) N,N-Dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) aminoethane-2-ols and corresponding protonated salts

Exemptions: N,N-Dimethylaminoethanol and corresponding protonated salts (108-01-0)
N,N-Diethylaminoethanol and corresponding protonated salts (100-37-8)

(12) N,N-Dialkyl (Me, Et, n-Pr or i-Pr) aminoethane-2-thiols and corresponding protonated salts

(13) Thiodiglycol: Bis(2-hydroxyethyl)sulfide (111-48-8)

(14) Pinacolyl alcohol: 3,3-Dimethylbutane-2-ol (464-07-3)

A. Toxic chemicals:

(1) Phosgene: Carbonyl dichloride (75-44-5)

(2) Cyanogen chloride (506-77-4)

(3) Hydrogen cyanide (74-90-8)

(4) Chloropicrin: Trichloronitromethane (76-06-2)

B 890

B. Precursors:

(5)	Phosphorus oxychloride	(10025-87-3)
(6)	Phosphorus trichloride	(7719-12-2)
(7)	Phosphorus pentachloride	(10026-13-8)
(8)	Trimethyl phosphite	(121-45-9)
(9)	Triethyl phosphite	(122-52-1)
(10)	Dimethyl phosphite	(868-85-9)
(11)	Diethyl phosphite	(762-04-9)
(12)	Sulfur monochloride	(10025-67-9)
(13)	Sulfur dichloride	(10545-99-0)
(14)	Thionyl chloride	(7719-09-7)
(15)	Ethyldiethanolamine	(139-87-7)
(16)	Methyldiethanolamine	(105-59-9)
(17)	Triethanolamine	(102-71-6).

SKEDA B

Siti għar-Rimi

Siti Pubblići:–

Fuq l-art: 1. Maghtab.

2. L-Impjant tal-Kompostaġġ ta' Sant' Antnin, Wied il-Ghajn.

3. Tal-Qortin, Xaghra, Ghawdex.

Fil-Baħar: Żona ta' depożitu ghal materjal skavat b'*radius* ta' madwar 350 metru biċ-ċentru tagħha f'Latitudni 33°55.1´N u Longitudni 14°34.0´E.